MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Numru 166/2005

Il- Pulizija
(Spettur Pierre Grech)

vs

*Omissis*

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija *Omissis* ta' 26 sena.

Talli f' dawn il- Gzejjer fl- 14 ta' Gunju 2005 u matul ix-xahar qabel din id- data:

a) Kellha fil- pussess taghha id- droga eroijna specifikata fl- ewwel skeda ta' l- Ordinanza dwar il- medicini perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta meta ma kienetx fil- pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- importazjoni jew ghall- esportazjoni mahrug mit- Tabib Principali tal- Gvern skond id- dispozizzjonijiet tar- 4 u s- 6 Taqsmina ta' l-

Ordinanza u meta ma kienetx bil- licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d- droga msemmija u meta ma kienetx b' xi mod iehor bil- licenzja mill- President ta' Malta li jkollha d- droga msemmija fil- pussess taghha u naqset li tipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilha ghall- uzu taghha skond ir- ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- regoli ta' l- 1939 dwar il- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament amendati u dan bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat in- nota tal- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzata ammettiet l- akkuzi migjuba kontriha u tenniet wara li fil- prezenza ta' l- avukat taghha gie imfisser lilha xi tfisser tali ammissjoni u inghatat zmien biex tahsibha.

Issibha hatja.

Rat ir- regolamenti tal- 1939 dwar il- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif susegwentament ementdati u bi ksur ta' l- Ordinanza Dwar il- Medicini perikoluzi, Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta kif ukoll l- art 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta li ser tapplika stante il- kondotta aktarx nadifa ta' l- akkuzata li kkoperat bi shih f' hidma mal- Pulizija u ghalhekk waqt li ssibha hatja tilliberha taht il- provedimenti ta' l- art 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta b' dan li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin m' illum u ordni ta' probation ghal sena taht is- sorveljanza ta' probation officer nominat mid- dipartiment tal- Probation Services.

Il- Qorti tordna li minn din is- sentenza ma jigi pubblikat xejn fuq il- medja fl- interess tal- gustizzja u tordna d- distruzzjoni ta' l- esebiti taht is- sorveljanza tal- iSpizjar Mario Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------